MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 459/2010

**E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited**

**Vs**

**Casanova Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih is-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta is-somma ta’ sitta u ghoxrin elf, erbgha mija, tlieta u sittin ewros u sittin ewro cents (€26463.60) liema

somma tirraprezenta prezz ta’ “catering equipment” mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx l-imsemmija somma anki wara li giet interpellata;

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma taghha u tad-direttur taghha is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x’taghti ghall-hlas tal-imsemmi kreditu u l-kawza tista’ tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet illi din il-Qorti:

1. taqta’ u tiddeciedi l-kawza u tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija ta’ sitta u ghoxrin elf, erbgha mija, tlieta u sittin ewros u sittin ewro cents (€26463.60) ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax mid-data ta’ kull fattura u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-prezenti kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors mahluf u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghall-konvenut.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------